Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' April 2024
(OR. en)

8083/2/24
REV 2

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0426(COD)

CODEC 871
ENER 152
ENV 351
TRANS 174
ECOFIN 347
RECH 131

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-prestazzjoni tal-enerġija ta' bini (riformulazzjoni) **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta[1] tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 194(2) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Marzu 2022[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-Opinjoni tiegħu fit-30 ta' Ġunju 2022[3].

4. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-16 ta' Jannar 2023[4].

1 15088/21 + ADD 1 sa 7.
2 ĠU C 290, 29.7.2022, p. 114.
3 ĠU C 375, 30.9.2022, p. 64.
4 ĠU C 89, 10.3.2023, p. 1.

5. Fit-12 ta' Marzu 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni[5]. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 102/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Italja u l-Ungerija jivvutaw kontra u ċ-Ċekja, il-Kroazja, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Iżvezja jastjenu.

7. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.

8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat[6].

9. Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[5] 7532/24.

[6] Qabel l-iffirmar tal-att ser jiġi kkoreġut żball ovvju fl-Artikolu 37, it-tieni subparagrafu, billi jitħassru r-referenzi għall-Artikoli 36, 37 u 38 li jidhru fih.